**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 35

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Daniel Mallia– Viċi Sindku

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

35.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ittra ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku, Daniel Mallia, li din ġiet approvatha mill-Kunsill minnufih.

## 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 34

35.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tar-raba u tlettin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

35.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

35.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra l-minuti tar-raba u tlettin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 35.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' Numru 02

35.3.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tieni laqgħa tal-lokalita għas-sena 2021. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

35.3.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

35.3.3 Fuq proposta tas-Sindku Anthony Dalli, li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini l-minuti tat-tieni laqgħa tal-lokalita' ġew approvati unanimament

## 35.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

35.4.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-festival taċ-ċitru fejn spjega kif sfortunatament dan il-festival mhux ser jitella wara komunikazzjoni li ntbgħatet mingħand l-Awtoritajiet tas-Saħħa. Is-Sur Dalli spjega kif biex jitella dan l-avveniment wieħed irid ikun strett u jimxi ma' ħafna regolamenti tas- saħħa li huwa ferm impossibbli biex il-kunsill ilaħħaq ma' dak kollu li qed jiġi mitlub. Eżempju wieħed huwa li ma jistax jkun hemm aktar minn 100 persuna f'ħin wieħed fil-pjazza.

35.4.2 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq Carmelo Farrugia. Huwa qal kif din it-triq lesta bi wiċċ ġdid u bi servizzi ġodda. Huwa kompla jgħid kif il-kunsill issa, irrefera talba għal dwal ġodda f'din it-Triq lil Enemalta u l-Enemalta wieġbet lura li hija bħala entita mux f'qagħda finanzjarja li twettaq din it-talba. Fi meeting riċenti li sar bejn Enemalta u l-kunsill, is-Sindku spjega kif huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv talbu biex imqarr Enemalta tiprovdi l-arbli filwaqt li l-kunsill jieħu ħsieb iweħħel il-bozoz. Is-Sur Dalli qal kif Enemalta għandha tiprovdi lil Kunsill b'risposta dwar dan fil-jiem li ġejjien.

35.4.3 Is-Sur Dalli tkellem dwar Vjal it-Trasfigurazzjoni. Huwa spjega kif fl-14 ta' Diċembru, huwa flimkien mas-Sinjorina Borg iltaqgħu mad-Direttur Eżekuttiv u żewġ Uffiċċjali oħra ta' l-Enemalta ġewwa l-uffiċċju ewlieni t'Enemalta fil-Marsa. F'isem il-kunsill is-Sur Dalli qal kif huwa talab l-għajnuna biex meta l-kunsill jagħmel ix-xogħol tal-bankini fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, l-wires li għaddejjin mill-ajru, jiġu poġġuti taħt l-art. Wara diskussjoni li saret, dawn l-uffiċċjali kkonkludew kif ix-xogħol mitlub jista jsir pero saqsew ukoll minn se jħallas għal spiża bħal din. Is-Sur Dalli qal kif huwa wieġeb lura li f'ċertu lokalitajiet oħra, xogħol ta' dan it-tip sar. Enemalta ikkonfermat dan pero qalet kif f'dawn il-lokalijiet fejn sar hekk, l-ispejjeż kienu koperti minn IM. Għalhekk kemm il-darba l-kunsill kollu jaqbel is-Sindku spjega li bħala rapreżentant tal-kunsill huwa lest li javviċina lil IM għall-għajnuna. Il-Kunsilliera lkoll qablu.

35.4.4 Is-Sindku aġġorna lil kunsilliera dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Kbira. Huwa spjega kif ix-xogħol jidher li waqaf ħesrem kemm minħabba l-fatt li l-kuntarttur għandu xi ħsara fil-makkinarju u kemm għax hemm xogħol tal-WSC li għadt irid isir. Il-Kuntrattur infurma wkoll lis-Sindku kif għandu direttiva minn IM li xogħol fit-toroq jista jsir sa nhar il-Ġimgħa 17/12/2021 biex għal żmien il-Milied ikun hemm inqas inkonvenjenzi fit-toroq. Għal kuntrattur ma kienx

possibli li jlesti x-xogħlijiet kollha sa din id-data u għalhekk temporanjament ser jieqaf u jħalli kollox għal Jannar 2022. Is-Sur Dalli qal kif huwa flimkien ma' l-amministrazzjoni għamlu l-almu tagħhom biex jimtlew il-ħofor u talbu lil kuntrattur ineħħi l-periklu kollu mit-triq u hekk qed isir. Sad-data tas-seduta stess is-Sindku qal li reġgħa kellem lil kuntrattur dwar dan u qabel li ser jiġi jerġa jimla l-ħofor temporanjament li reġgħu nfetħu bil-maltemp.

35.4.5 Is-Sur Dalli tkellem dwar proġett li kellha tibda taħdem fuqu WSC bi fondi tal-EU ta' upgrading tas-servizzi tal-ilma fi, Triq N.Cottoner, Triq tal-Mirakli u Triq Ħal Bordi. Dakinhar tas-seduta stess huwa kellu meeting fuq il-post mal-inġiera nkarigatha minn dan il-proġett u hija spjegatlu kif: (A) fi Triq N.Cottoner se jsir dual main taħt il-kurduna tal-bankini u WSC ser tagħmel tajjeb biex isiru bankini ġodda. Fl-Istess triq umbgħad l-Enemalta ser tagħmel cable taħt l-art tat-triq kollha biex jissaħaħ il-provista tal-eletriku fl-inħawi. Fi Triq Tal-Miraklu u kif ukoll Triq Ħal Bordi, il-main tal-ilma se jsir naħa waħda taħt il-kurduna u ssir il-bankina wkoll. Iżda n-naħa l-oħra l-main se jsir fit-triq u se tigi re-surfaced it-triq skond l-istandards eżistenti. Għalhekk is-Sindku issuġġerixxa li l-kunsill iġib stima ta' kemm jiswew il-bankini li mhux se jsiru minn naħa tal-WSC fi Triq Tal-Mirakli u Triq Ħal Bordi u jsiru għall-ispejjeż tal-kunsill biex il-bankini fiż-żewġ toroq jkunu pariċċ ma dawk li ser tagħmel WSC. Il-Kunsill qabel. Dan ix-xogħol kollu provist li jibda minn WSC għal nofs Jannar 2022.

35.4.6 B'Kontinwazzjoni ma punt 35.4.6, is-Sindku qal li dan il-proġett ser ikollu effett ukoll fuq Sqaq nru 1, Triq Sant Andrija. F'dan l-isqaq, ser jgħaddi main tal-ilma li jaqbad ma' Triq San Andrija. Hawnhekk il-WSC se tagħti wiċċ ġdid lil din it-Triq kollha u anke lit-trejqa li hemm. Il-Wiċċ ser isir parti bit-tarmac u parti bil-konkos. Jidher li l-bankini mhux se jintmessu.

35.4.7 Is-Sur Dalli qal kif ukoll għamel kuntatt mal-Coastal & Storm Water Unit biex jiprova jikseb għajnuna għall-implementazzjoni ta' culverts tal-ilma tax-xita fi Sqaq Nru 1, Triq San Andrija biex jiġi evitat l-ilma li jinzel lejn Triq San Andrija, Triq Enejja u għal Triq il-Kbira. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif fi Triq il-kbira il-culvert qed jiġi mitlub li jsir fil-parti minn ħdejn is-Sala Villa Lia sa ħdejn it-Three Villages bar. Huwa avviċina lil Coastal & Storm water unit għal dan il-culvert għaliex diġa saru diversi talbiet lil IM biex dan jsir qabel ma titlesta t-Triq bit-tarmac, pero IM ma tridx tagħmel dan il-culvert. Apparti minn hekk il-Kunsill għandu nformazzjoni anzi li IM qed tgħid lil residenti li jixtieqPu li jsir dan il-culvert, li l-kunsill qatt ma ressaq talba simili, li dan mhux veru. Dan mhu veru xejn, il-kunsill kemm il-darba kiteb lil IM b'din it-talba  u anke f'meeting li kien sar dwar dan il-proġett, is-Sindku stqarr li kien huwa stess li ressaq din it-talba għal dan il-Culvert, mill-bidu.

35.4.8 B'kontinwazzjoni ma' punt 35.4.7, Is-Sindku qal li anke ħdejn il-Knisja tas-Salvatur il-qadima hemm talba għall-għajnuna biex jinfetaħ culvert li jiġbor fih ħafna ilma li jinżel mat-triq.

35.4.9 Is-sindku tkellem dwar l-akwata tal-Bini tal-Gvern, fi Triq Sir Ugo Mifsud. Huwa nforma lil kunsilliera kif bl-għajnuna tal-Ministeru tat-Turżimu qed isir tibdil għall-aħjar tal-bins u bankijiet li kien hemm f'din l-akwata. Is-Sindku rringrazzja lil Ministeru tat-Turiżmu għal din l-għajnuna u żied jgħid kif ukoll fl-istess akwata ser tiprova tingħata aktar għajnuna biex jinbidlu l-biċċa ta' fuq tal-globi tal-fanali li hemm eżistenti.

## 35.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

35.5.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 35.6 Korrispondenza

35.6.1 Il-Minority Leader Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf dwar xiex titratta korrispondenza nru 0325/21. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif residenti rrapurtaw li fi Triq Salvu Mifsud hemm ħajt u jixtiequ li dan jitella aktar għax in-nies qed jarmu ħafna ħmieġ wara dan il-ħajt. Filfatt dwar dan sar rapport l-għassa biex jikkuntatjaw lis-sid jekk possibbli. Is-Sindku qal kif fl-istess akwata hemm ukoll bin kannella li sfortunatament mhux qed jiġu użat tajjeb u fih qed jintrema kollox. Ġie deċiż li dan il-bin alissa jinqala minn hemm u jinżamm il-kunsill sakemm jinsab post ieħor adekwat fejn jista jitpoġġa.

35.6.2 Il-Kunsillier Zahra xtaq ikun jaf dwar xiex titratta korrispondenza nru 0329/21. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li dik titratta dwar korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment dwar finanzjament li ser jieħu l-kunsill biex ikun jista jagħmel tajjeb għat-titjieb tal-playing fields.

## 35.7 Mozzjoni dwar il-Kotba Ħal Lija fi Tfuliti

35.7.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni urġenti biex l-istock ta' kotba li għandu l-kunsill bl-isem Ħal Lija fi Tfuliti, jiġu written off minn fuq il-kotba tal-accounts tal-kunsill. Huwa qed jissuġġerrixi dan biex b'hekk għal sena oħra jiġi ffaċilitat il-proċess tal-audit u ma jkunx hemm aktar inkwiet bl-istock ta' dawn il-kotba darba għal dejjem. Huwa tal-parir li dawn il-kotba jitqasmu b'xejn lir-residenti fid-djar jew eżempju jingħataw kopji lil kull min jżur l-uffiċċju tal-kunsill.

35.7.2 Fuq proposta tal-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet issekkondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini , din il-proposta ġiet approvatha unanimament u ingħatat awtorizzazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv biex tmexxi u tinforma lil accountant bid-disposal ta' dawn il-kotba darba għal dejjem.

## 35.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport ta' l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2022

35.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-kunsiderazzjoni tal-kunsill Rapport ta' l-estimi finanzjarji għas-sena 2022 . Dan ir-rapport ġie kkumpilat mill-*accountant* tal-kunsill u kopja tiegħu ntbgħatet lil kunsilliera kollha qabel il-laqgħa. Is-Sindku spjega kif dan ir-rapport wieħed minnu jista jibda jara bejn wieħed u ieħor x'budget ser ikollu l-kunsill. Informa lil kunsilliera kif alissa f'dan ir-rapport hemm biss imniżżel bejn wieħed u ieħor x'nefqa totali ser jkollu l-kunsill, peress li d-dħul għadu ma jistax jiġi ddeterminat kollu u dan għaliex l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2022 għadha ma waslitx għand il-kunsill. L-allokazzjoni pero aktarx tkun simili għal tas-sena 2021 jew inkella ħarira aktar.

35.8.2 Is-Sindku qal kif il-pubbliku, fil-laqgħa tal-lokalita, ma' talab xejn kbir bħala proġetti biex jitwettqu u t-talbiet ta' manutenzzjoni li saru huma ferm żgħar li l-kunsill jista jaqbad u jagħmilhom max-xogħlijiet ta' kuljum. Qal ukoll kif sad-data tas-seduta lanqas il-kunsilliera ma ressqu xi proposti jew proġetti li l-kunsill għandhu jaħseb għalihom u jinkludi l-ispiża tagħhom fil-budget tas-sena 2022.

35.8.3 Is-Sur Dalli ta spjegazzjoni ta' dan ir-rapport fil-qosor. Huwa qal kif mingħajr l-allokazzjoni, id-dħul alissa huwa estimat biss milll-byelaws, permessi u dħul li għandu x'jaqsam mal-LES. Mill-banda l-oħra, n-nefqa tal-kunsill ser tkun simili ħafna għas-sena 2021 li tinvolvi s-salarji u l-allowances, il-kuntratti u l-manutenzzjoni, l-operat tal-kunsill, infiq għall-amministrazzjoni u xi nfiq ġenerali ieħor.

35.8.4 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif fin-nefqa, ikkumparat mas-sena 2021, għas-sena 2022 ftit ser ikun hemm differenza. Pereżempju huwa spjega kif ir-renta tal-uffiċċju ser tkun aktar għolja minn Marzu l'hemm għaliex għal Jannar u Frar il-kunsill irnexxilu jirranġa mas-sid u ġedded il-kuntratt għal xahrejn oħra. Naqset in-nefqa ta' l-istreet lighting, għolew il-bank charges u anke aktarx jaf tgħola l-ispiża tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart peress li l-kuntratt eżistenti tal-kunsill daqt jiskadi u l-kunsill ser ikollu aktarx joħroġ tender oħra sal-aħħar tas-sena 2022 u b'possibbilta ta' sena oħra sa l-aħħar tas-sena 2023. Dan it-tender kellu joħroġ fuq bażi reġjonali, pero l-proċess biss isir dan għadu lura wisq.

35.8.5 Wara l-ispjegazzjoni li ta ta' dan ir-rapport, is-Sindku staqsa lil kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet jew proposti xi jressqu. Is-Sinjorina Farrugia resqet proposta biex issir bankina fl-akwata ta' Triq il-Mitħna u Triq Kardinal Ferretti. Hija qalet li din il-proposta kienet diġa resqitha u qiegħda fil-lista ta xogħlijiet. Filfatt is-Sindku wieġeb lura li dik il-bankina propju ilha li saret u stqarr kif tranġar ta' bankina jew manutenzzjoni simili jistgħu jsiru minnufih għax dawn huma proposti żgħar ikkumparat ma' proġetti oħra li qed iwettaq bilmod il-kunsill, bħal proġett tal-bankini fi Vjal it-Trasfigurazzjoni.

35.8.6 Is-Sur Cini għamel mistoqsija dwar il-flus li l-kunsill għadt jrid jiġbor mingħand Wasteserv u jekk dawn il-flus b'xi mod ikunux riflettuti fir-rapport u kif ukoll jekk il-kunsill irċeviex xi ħaġa mill-ammonti pendenti. Is-Segretarju Eżekuttiv aktar il-quddiem fis-seduta qalet kif hija kienet ser taqsam aħbar mal-kunsill kif filfatt fil-jiem li ġejjien il-kunsill għandu jirċievi fil-kont is-somma ta' madwar 14,000 EUR bħala rimborż tal-kollezzjoni tal-borża organika. Filfatt issa ser tieħu ħsieb li żżomm rendikont aġġornat ta' x'pagamenti għadt baqa dovuti lil kunsill. Is-Sindku hawnhekk kompla jgħid kif jekk filkas Wasterv terġa iddum wisq biex tibgħat pagement ieħor, jista isir set-off mat-tipping fees tal-kumplament tal-pagamenti, skond iċ-ċirkulari mibgħutha mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

35.8.7 Aktar mistoqsijiet ma kienx hemm u għalhekk is-Sindku qal kif din ir-rapport issa għandu jerġa jitella għall-approvazzjoni fis-seduta ta' Jannar 2022 ffinalizzat u kumplat bl-allokazzjoni appena din tasal.

## 35.9 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

35.9.1.1 Lista ta' items oħra ta' xogħol ieħor tal-kunsill u lmenti ma kienx hemm għal din is-seduta.

## 35.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

35.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 12/21 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €59.15 għax-xahar ta' Novembru.

35.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet ssekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

35.10.3 Hawnhekk is-Sindku nnotifika lil kunsilliera b'ċertu pagamenti li kien hemm imniżla u spjega kif il-kunsill ser ikun qed jerġa jiġbor is-somma ta' dawn il-pagamenti minn diversi skemi, fosthom mir-Reġjun Ċentru u kif ukoll mingħand Dipartimenti oħra.

## 35.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

35.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, ma kienx hemm applikazzjonijiet alarmanti.

## 35.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

35.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

35.12.2 Is-Sindku fakkar li fit-23 ta' Diċembru ser issir l-attivita tal-mother christmas u talab lil kunsilliera biex kemm jista jkun jgħinu lis-Sinjorina Farrugia bit-trasportazzjoni tar-rigali għaliex huwa dakinhar ftit jista jkun preżenti. Kemm il-darba ħadd mill-kunsilliera ma huwa dispost biex jgħin huwa qal li ser jitlob l-għajnuna tal-ħaddiema tal-kunsill.

35.12.3 Is-Sur Dalli fakkar lil Kunsilliera fl-ikla tal-Kunsill li ser issir nhar is-Sibt 18 ta' Diċembru 2021.

35.12.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lil kunsill kif hija attendiet għal webinar dwar l-edukazzjoni u f'dan il-webinar issemmit entita ' E-skills Malta Foundation' li din tagħti korsijiet lil komunita b'xejn fuq digital skills. Hija ser tgħaddi lil kunsill rapport b'aktar informazzjoni dwar din il-fondazzjoni u korsijiet li toffri b'xejn. Ukoll qalet li waqt dan il-webinar kien hemm preżenti rapreżentanta tal-life long learning li ser tibgħat xi nformazzjoni lil kunsill dwar il-korsijiet li ser jibdew fi Ottubru 2022. Hija ssuġġerriet li diment li ssa l-kunsill sejjer fi binja ġdida li hija ferm spazzjuża, il-kunsill appena jiftħu l-applikazzjonijiet għandu japplika biex ikun host għal xi korsijiet. Is-Sindku ma sabx oġġezzjoni għal din il-proposta.

35.12.5 Il-Minority Leader Lorraine Farrugia spjegat kif riċenti attendiet għal webinar ieħor dwar il-kultura u l-heritage. Hija qalet kif fil- 11 ta' Frar ser isir konferenza bl-isem 'Phenician route' biex diversi turisti jġu mħajra jżuru postijiet li qiegħdin fil-Mediterrannea u Malta ġiet inkluża. Għalhekk il-kunsill jaf jiġi avviċinat biex ikun parti minn din l-inizjattiva. Hija kompliet tgħid kif Malta qed taħdem mal-Unesco fejn ġiet approvatha il-Ftira Maltija u issa hemm l-għana u l-festa Maltija li qiegħdin fil-proċess li jiġu approvati wkoll bħala wirt storiku tanġibbli. Dwar dan il-webinar hija ukoll għandha tgħaddi lil kunsill aktar informazzjoni ġenerali ta' dak li ntqal.

35.12.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fi Triq it-Torba nnutat li m'hemmx plakka tal-isem u talbet biex tiġi orndatha waħda. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tordna plakka għal din it-triq.

35.12.7 Is-Sur Cini tkellem dwar Triq il-Kbira u għamel rimarka żgħira fejn qal lis-sindku li qed jittama ħafna li x-xogħlijiet fi Triq il-Kbira jitlestaw sa Jannar u ma jieħdux aktar fit-tul.

35.12.8 Il-laqgħa ntemmet fi 6:20pm. Is-Sindku u l-kunsilliera awguraw lil xulxin, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff kif ukoll lir-residenti, il-Milied it-tajjeb u bidu ta' sena ġdida.

35.12.9 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 12 ta' Jannar 2022 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:30pm onaljn.

Konfermati, illum l-Erbgħa 12 ta' Jannar 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |